# THEWDIN

Jekk tħobbni, neħilsu
mill-fird ta' bejnietna,
ningħaqdu, nitwaħħdu,
u mmorru flimkien,
immorru fl-egħmara
li qed tistenniena:
sema iżraq igħattina
għoljiet iħennuna
tkunilna benniena
il-firxa tal-ħdura;
u l-kwiekeb u l-qamar
bil-lejl idawluna,
mill-bqija tad-dija
li għamlet il-jum
l-agħsafar jagħnuna
bil-ferħ tar-rebbiegħa,
bil-ferħ taż-żgħożija,
bil-għana jħannuna;
fil-jum tas-sajf xemxi
l-urieżaq u n-naħal
iferrħu lil qalbna
bil-ferħ ħiemed tagħhom.
Inqattgħu ħajjitna
nimirħu fil-ħlewwa
u mmutu fil-ħlewwa
ta' għodwa sabiħa:
nixxenqu dawl ċkejken
mill-milja tad-dija
li tkun qiegħda ssebbaħ
u thenni l-ħolqien.

Jekk le, wkoll inħobbok,
u miegħi tingħaqad
ix-xbiha biss tiegħek;
inbiegħ l-hena tiegħi
biex nixtri għalik.
Ingħaddi dil-ħajja
waħdieni u mbiegħed,
biss naħseb, biss noħlom,
nixtieqek nixxenqek
hienja iżda rridek
u ħsiebek għalik.
Jekk le, wkoll inħobbok,
u troddli l-imħabba
il-Mewt illi żżurni
f'xi lejla xitwija,
xħin wita jitriegħed
u ġebel jixxengel
u l-ajru jitħeġġeġ
u s-sema jkun mgħaddab
u mbeżża' l-ħolqien.

M. Mizzi
(Student tal-Letteratura.)

12/VI/38